MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 814/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Vincent Busuttil**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u dsatax-il lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm219.84) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9946 7585;**

**Illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi, baqa' inadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-interessi kontra l-**

**konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u dsatax-il lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm219.84) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-15 ta' April, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------